*teżegwixxi s-sentenza tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-140/03), Ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.*

2) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", somma f'daqqa ta' EUR 1 miljun.*

3) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 64, 8.3.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Krajský soud v Ústí nad Labem — Ir-Repubblika Ċeka) — RLRE Tellmer Property s.r.o. vs Finanční ředitelství v Ústí nad Labem**

**(Kawża C-572/07)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — VAT — Eżenzjoni tal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli — Tindif tal-partijiet komuni marbuta mal-lokazzjoni — Provvisti anċillari)***

(2009/C 180/19)

*Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Krajský soud v Ústí nad Labem

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* RLRE Tellmer Property s.r.o.

*Konvenut:* Finanční ředitelství v Ústí nad Labem

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Krajský Soud v Ústí nad Labem — Interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 13B (b) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Portata tal-eżenzjoni mill-VAT tal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli — Inklużjoni tal-ispejjeż tat-tindif tal-partijiet komuni ta' dar residenzjali

**Dispożittiv**

*Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13B(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli u s-servizz ta' tindif tal-partijiet komuni tagħha, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, għandhom jitqiesu li huma tranżazzjonijiet indipendenti, distinti minn xulxin, b'tali mod li l-imsemmi servizz ma jaqax taħt din id-dispożizzjoni.*

---

([1]) ĠU C 79, 29.3.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-4 ta' Gunju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-College van Beroep voor het bedrijfsleven — L-Olanda) — T-Mobile Netherlands BV, KPN Mobile NV, Orange Nederland NV, Vodafone Libertel NV vs Raad van bestuur van de Nederlandse Mededingingsautoriteit**

**(Kawża C-8/08)** ([1])

***(Talba għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 81 (1) KE — Kunċett ta' 'prattika miftiehma' — Rabta kawżali bejn il-prattika miftiehma u l-aġir tal-impriżi fis-suq — Evalwazzjoni skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali — Natura suffiċjenti ta' laqgħa waħda jew bżonn ta' ftehim fit-tul u regolari)***

(2009/C 180/20)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

College van Beroep voor het bedrijfsleven

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* T-Mobile Netherlands BV, KPN Mobile NV, Orange Nederland NV, Vodafone Libertel NV

*Konvenuta:* Raad van bestuur van de Nederlandse Mededingingsautoriteit

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — College van Beroep voor het bedrijfsleven — Interpretazzjoni tal-Artikolu 81 KE — Kunċett ta' prattika miftehma — Ħtieġa ta' rabta kawżali bejn il-prattika miftehma u l-aġir ta' impriżi fis-suq — Evalwazzjoni jew le skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali — Natura suffiċjenti ta' prattika miftehma jew bżonn ta' prattika miftehma fit-tul u regolari.